KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
*Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Għawdex - Malta*

**Minuti tas-16 il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 20 ta' Frar 2014, fil-5.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Philip Vella |
| Viċi Sindku : | Is-Sinjura Frances Galea |
| Kunsilliera : | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Marija Cassar Sultana u |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| Uffiċċjali | |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Mark Formosa |
| Ambaxxatriċi: | Is-Sinjorina Ann Marie Gauci |

**QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-laqgħa bdiet fil-5.30 pm

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, inqraw l-Minuti tal-laqgha ta' qabel u wara li saru l -emendi neċessarji gew approvati mill-Kunsill.

**Komunikazzjoni tas-Sindku**

1. Ir-rapport finanzjarju Annwali ġie pprezentat u moqri lill-Kunsill fejn jidher li l-Kunsill kellu bilanċ pozittiv ta €22,340. Ir-rapport ġie approvat unanimament mill-Kunsill.

2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur Jason Curmi ġie maħtur Uffiċjal Pubbliku. Issa li jonqos biex jilħaq Segretarju Eżekuttiv u li tiġi iffirmata l-*letter of appointment* mill-Ministru.

3. Il-Sindku semma wkoll li kien hemm savings fuq Meaure 313 saret talba li dawn is-savings jiġu wżati x'imkien ieħor fl-istess proġett fil-Bidwi Park, iżda din it-talba ġiet miċħuda. Għalhekk is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser jiltaqa' mas Sur Charlo Camilleri, il-Kap tal-Paying Agency fuq xi kompromess. Il-Kunsill qabel ma dan.

4. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien hemm żewġ kwotazzjonijiet dwar il-qiegħa fil-Ġnien il-Bidwi. Meta ġie mitlub lill-orħos Kuntrattur biex isir ix-xogħol, dan ma aċċettax għalhekk din għandha tingħata lit-tieni l-orħos wieħed tas-Sur Lawrence Borg bil-prezz ta' €4220 biex ix-xogħol isir. Barra minn hekk il-compliance certificate għadu ma wasalx minħabba l-KNPD. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ntbagħtu ir-ritratti u suppost tiġi aċċettata. La darba jagħddu d-dawl u l-ilma, il-progett ikun jista jkompli. Is-Sindku qal ukoll li kien hemm xi residenti li jixtiequ li jkunu jistgħu jieħdu ħsieb il-parti tal-Bidwi Park li tigi wara il-propjeta tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra lill-dawn ir-residenti.

5. Il-Viċi Sindku qalet li l-*pots* ta madwar il-lokalita' għandhom jiġu miżmuma aħjar u li jkollhom aktar fjuri u kulur. Is-Sindku qal li dawn għandhom jieħdu ħsiebhom il-Kumitat ta' Sannat Lions FC. Is-Sindku qal ukoll li jixtieq li dan ix-xogħol isir aħjar, hu qal li nistgħu naraw jekk nistgħux nużaw il-ħaddiema tal-ETC tal-Kunsill għal dan. Is-Sindku qal li tkun idea tajba li jinsab Project Manager biex jieħu ħsieb dawn l-affarijiet. Is-Sindku qal li jekk ix-xogħol ma jsirx aħjar, il-Kunsill ser ikollu joħroġ multa kif mitlub fil-kuntratt.

6. Is-Sindku jnforma lill-Kunsill li t-tlett tabelli dwar l-indafa u l-gbir tal-iskart fir-raħal li kellhom jeħlu issa twaħħlu.

7. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Louis tal-Greyhounds Atletic Group ser jagħmel mixja għat-tfal ta' lokalitajiet kollha f'Għawdex u ser ikun hemm *clean up campaign*. Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ l-ispejjeż tat-transport għal din l-attivita'.

8. Is-Sindku qara l-kwestjonarju dwar il-Pjazza Santa Margerita u saru xi emendi. Il-Kunsill qabel li l-kwestonarju għandu jiġi rranġat mis-Sinjorina Ann Marie Gauci l-Ambaxxatriċi tal-Kunsill.

9. Il-Mozzjoni Nru 2/2014 dwar l-streaming tal-laqgħat online ġiet moqrija u mogħddija kif mitlub f'Memo 5/2014 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja Għal Streaming tal-laqgħat online.

10. Il-Kunsill qabel li s-Sindku u l-Viċi Sindku għandhom jattendu għal-laqgħa tas-Sindki u tal-Viċi Sindki li ser issir fil-Lukanda San Antonio fil-21 u fit-22 ta' Marzu 2014.

11. Il-Kunsilliera kollha ġew preżentati b'kopja ta-Ligi u tal-Kodiċi tal-etika kif kien mitlub mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

12. Infetħu l-kwotazzjonijiet għas-sound system tal-Karnival u l-Kunsill iddeċċida li tintgħażel l-orħos waħda jiġifieri dik ta' Cloud 9 bi prezz ta' €174.

13. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li irċevejna l-applikazzjoni għal A+ Accessability Award li tnediet mis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Franco Mercieca. Il-Kunsill qabel li għandna nieħdu sehem.

14. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw għal LCA – European Youth event fi Strasbourg bejn id-9 u il-11 ta' Mejju 2014.

15. Is-Sindku qal li dwar Jum Sannat: L-applikazzjonijiet għal-Ġieħ Sannat għandhom jiġu maħruġa wara l-Karnival. Is-Sindku kellu laqgħa mal-kumitat tal-banda u ser isir kunċert fil-Lukanda Ta' Ċenċ. L-ammont mitlub mis-Soċjeta Mużikali Santa Margerita għal dan il-kunċert hu ta' €1000 u ser idum siegħa. Id-data ser tkun il-Ġimgħa 25 ta' April 2014.

**16.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fi Triq l-10 ta' Ottubru 1942 sar il-patching li kien hemm bżonn minħabba ħofor kbar u li t-triq tinsab fi stat ħażin ħafna. Il-Kunsill qabel li għandna naraw dwar jekk jistgħux jintużaw il-fondi tal-PPP u għandha issir Triq Pisoniano. Il-Kunsill għandu jikkuntatja lill-KSI, Enemalta, Go p.l.c., Melita etc. Is-Sindku qal ukoll li dwar Triq Bardan M 125 għadu irid jiġi ffirmat il-kuntratt biex ikun jista' jinħareġ it-tender. Il-Ministeru għal Għawdex qedgħin jgħaddu d-drenaġġ tat-tieni parti ta' Triq Bardan.

17. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien hemm problema dwar l-attivita' Rock Legends għaliex il-band ta' Ira Losco ser tkun tieħu sehem fl-attivita Leone Goes Pop. Għalhekk ser issir talba biex l-attivita timxi għal 14 ta Ġunju 2014.

18. Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar l-iżviluppi fuq il-Public Convenience. Huwa qal li l-Perit issuġġerixxa li jinqala l-ħajt tan-nofs taz-żewġ latrini biex isir toilet għal persuni bi bżonnijiet speċjali. Għal dan ix-xogħol għandna ngħidu lil xi ħadd li jaf jaħdem dan ix-xogħol. Għalhekk naraw l-istimi u noħorġu kwotazzjonijiet kif mitlub mill-liġi.

19. Is-Sindku issuġġerixxa li issir attivita' sportiva għat-tfal u żgħażagħ tal-lokalita' fejn jingħata frott, ilma u xi ktieb. Barra minn hekk isir healthy lunch jinġab nutritionist li jagħmel lecture lil dawk preżenti. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir u li għandu jissejjaħ *"A Healthy Way of Living for Youth."*

20. Il-Kunsill qabel li għandha issir bozza mal-arblu ta' fejn l-għalqa tas-Sur George Curmi fi Triq tal-Gruwa għaliex hemm id-dlam.

21. Is-Sindku ried ukoll jieħu l-okkażjoni biex jiġbed l-attenzjoni li l-Wardens li qiegħed ikun hemm f'Ta' Sannat mhux qed jintbagħatu mill-Kunsill.

**Ilmenti u ssuġerimenti**

1. Pauline Farrugia ilmentat li hemm id-dlam fi Triq Piranji, hi talbet li titwaħħal bozza ġdida. Il-Kunsill qabel li din issir.

2. Is-Sur Tony Tabone li joqghod 87 Triq il-Kbira Ta' Sannat qed jitlob biex isir patching f'din l-istess Triq specjalment f' toqba kbira quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill Lokali ser jieħu ħsieb li din tiġi rranġata.

3. Is-Sinjura Mizzi li toqgħod "Cottage House" fi Triq Xamgħan, Ta' Sannat irregalat kaxxa kotba wżati tat-tfal għall-Librerija Ta' Sannat. Il-Kunsill Lokali qabel li din tiġi rringrazjata permezz ta' ittra.

4. Dr. Raymond C. Xerri fundatur u editur tal-Gozo and the Gozitan Series għoġbu jirregala sett ta' kotba nteressanti għall librerija Ta' Sannat. Il-Kunsill Lokali qabel li dan jiġi rringrazjat permezz ta' ittra.

5. Is-Sur Johann Craus li joqgħod Il-Merill, Triq Daħlet taċ-Ċnus, Ta' Sannat jixtieq jirringrazzja lill-Kunsill Lokali tal-qtugħ ta' ħaxix li sar fl-istess Triq.

6. Dr. Joseph Borg li joqgħod 63, St. George Flats, Triq il-Kbira, Ta' Sannat qed jitlob lil Kunsill jivverifika jekk biċċa spazju ta parking wieħed quddiem l-entratura ta l-istess blokk ta' flats hiex art privata jew le, peress li tħalliet mingħajr asfalt għax privata, iżda l-warden xorta ħareġ ċitazzjoni fuq dan l-imsemmija spazju. Dan għandu jiġi ċċekjat mall-Perit u jiġi nfurmat.

7. Iċ-Ċentru ta' matul il-Jum għall-Anzjani nforma lill-Kunsill li hemm 6 anzjani minn Ta' Sannat li jattendu f'dan iċ-Ċentru. Dan wara li l-Kunsill Lokali kiteb fejn iddeċieda li jwaqqaf dan is-servizz. Il-Kunsill qabel li kien ġa ħa deċizzjoni li dan il-kuntratt għandu jitwaqqaf.

**Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali**

Memo 4/2014 Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-Responsabbilta' ta Librerija Lokali. Il-Kunsill qabel li din is-sena mhux ser tippartecipa peress li l-Kunsill kien għadu kif xtara xi kotba u riċenti l-librerija irċieviet xi kotba ġodda.

Memo 5/2014 Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Streaming tal-Laqgħat Online. Il-Kunsill għadda Mozzjoni Nru. 02/2014 għal din l-għajnuna

**Data għall-Laqgħa Oħra**

Il-laqgħa spiċċat fis-6.55 p.m. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 10 ta' Marzu 2014, fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Philip Vella** | **Mark Formosa** |
| **Sindku** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |